MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2002

Numru.

**Pulizija**
(Spettur Paul Bond)
**vs**

**Grace Refalo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmija Grace Refalo ta' 38 sena mart Victor, bint Angelo Cauchi u Maria nee' Azzopardi, imwielda Pieta' 27 ta' Dicembru 1963 u toqghod 217, Triq il-Kbira, Zebbug detentrici tal-Karta ta' l-Identita bin-numru 15764 (M).
Talli:

Bejn id-19 ta' Jannar 2001 u 21 ta' April 2001 u/jew matul is-snin/xhur precidenti bhala propretarja u/jew amministratrici tal-fond "Carmar", Triq id-Drama, Qormi, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnha, ukoll jekk fi

zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kissret il-gumni tas-servizz elettriku u cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollha l-uzu jew konsum elettriku jew li bihom setghat twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata ikkommettiet serq tal-kurrent elettriku li jammonta ghall-LM 309.72c liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u ammont u dan ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta.

Barra minn dan, akkuzata wkoll talli, matul l-istess perjodu kkagunat hsara voluntarja fl-istess meter.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti u l-atti.

Rat li fis-seduta ta' llum l-akkuzata ammettiet l-akkuzi migjuba kontriha.

Issibha hatja.

Rat l-art.392(A), 261, 264, 267, 326 (f) tal-Kap. 9 kif ukoll l-art. 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante l-kondotta nadifa ta' l-akkuzata u stante ix-xhieda tas-Sur Silvio Decelis in rapprezentanza ta' l-EneMalta tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi artiklu.

Ghalhekk fil-waqt li ssib lill-akkuzata hatja tilliberaha taht il-provedimenti ta' l-art. 9 tal-Kap. 152 b'dan li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur mil-llum.

. (ft) Magt. Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

---------------------------------TMIEM---------------------------------